# IL-KAN. DUN VINĊENZ SALIBA TUL DAWN L-AĦĦAR 50 SENA

jikteb Joe Sciberras

Bħala parti mill-festi Ċinkwantinarji li se jsiru mill-Kapitlu Elenjan ġewwa l-Bażilika Elenjana mhux ta' min jinsa lill-maħbub mibki l-Kan. Vincenzo Saliba.

Nibda biex ngħid li 50 sena ilu kien diġà prokuratur ta' l-Insinji Kolleġġjata. Dan kien eżatt wara t-tieni gwerra, fejn wara li spiċċat il-gwerra beda jipprepara għal dan l-avveniment taċ-Ċentinarju. Min jaf kemm qattajt żmien miegħu, flimkien ma' l-imgħallem Mosè il-mastrudaxxa, il-mibki Giuseppe Borg u Mikiel Borg, insewwu u niżbgħu it-twieqi u l-ħġieġ tal-Kolleġġjata kollha li kienu tkissru bil-blast tal-bomba li splodiet fuq id-dar tal-familja tiegħi ġewwa Triq San Rokku fejn mietu ħafna nies.

Qatta' ħafna żmien jirranġa l-maħżen ta' l-armar. Ħadem ħafna biex żebagħ l-armar ta' barra kollu u stinka biex il-festi ċentinarji jirnexxu. Saqqaf Strada Reale bil-liedna li tat dehra meraviljuża.



Fi żmienu saru ħafna opri, it-tabernaklu tal-fidda rigal tal-Kanonċi Giuseppi u Giovanni Micallef. Statwi ta' l-irħam u kanċell ta' l-irħam għall-kappella tas-Sagrament. Sett linfi, l-akkwist ta' 32 kwadru tal-bozzetti tal-pittura ta' Virginio Monti. Niftakar konna morna Ruma flimkien mal-Kan. Saliba u l-Kan. Giovanni Micallef u l-mibki Rosario Micallef. Kemm ġrejna u ddiskutejna ma' tal-familja Conti biex stajna nġibuhom lejn il-Kolleġġjata. Dan kien akkwist imprezzabbli. Ħadem fuq li ħadem biex

fis-Salib il-Qawmien tagħna



sar il-bankun preżenti. Saret il-kuruna tad-deheb miġbura mid-deheb tal-Karkariżi għal fuq ras l-Imperatriċi Santa Elena. Saru erba' bankuni żgħar għal fratellanzi. Saru żewġ statwi tal-bronż San Ġwann u San Pawl. Saret iz-zokklatura ta' l-irħam għall-korsija u l-ġnub u anki għal ċerti altari tal-ġnub. Inbdiet ir-rikostruzzjoni tal-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija, ġawhra tal-Kolleġġjata tagħna. Inbena ċ-ċentru wara l-Bażilika. Inħadem l-umbrellun u t-tintinnablu u bosta opri oħra. Dun Vinċenz jixraqlu imqar bust żgħir u jitpoġġa fl-Aula Capitularis bħala rikonoxximent tal-ħidma bla heda ġewwa l-Bażilika Santa Elena għal ħafna snin. Dun Vinċens ħalliena fis-7 ta' Ġunju 1992.

Ma rridux ninsew meta sar dan iz-zuntier li għandna. Kemm ħadmu dak iż-żmien in-nies tal-maħżen, kemm għamlu forom, kemm qisien, kemm damu sa tard bil-lejl biex lestewh, dan kollu taħt il-gwida tal-Kan. Vinċenz Saliba! Dun Vinċenz ħallielna wirt tajjeb meta naraw lil Anthony Aquilina u sħabu kollha jkomplu fejn ħalla hu. J'Alla jkomplu għax għandna biex niftaħru b'dan il-grupp ta' l-Armar.



**Pjaneta regalata lill-Bażilika mill-Kan. Saliba**